22001A0718(01)

18.7.2001 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 194/39

# KONVENZJONI GĦALL-UNIFIKAZZJONI TA' ĊERTI REGOLI GĦAT-TRASPORT INTERNAZZJONALI BL-AJRU (IL-KONVENZJONI TA' MONTREAL)

L-ISTATI PARTIJIET GĦAL DIN IL-KONVENZJONI,

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-kontribuzzjoni sinifikanti tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru ffirmat f'Varsavja fit-12 ta' Ottubru 1929, hawnhekk iżjed 'il quddiem magħrufa bħala l-Konvenzjoni ta' Varsavja', u strumenti oħrajn relatati għall-armonizzazzjoni tal-liġi privata internazzjonali ta' l-ajru;

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-ħtieġa li tiġi mmodernizzata u kkonsolidata l-Konvenzjoni ta' Varsavja u strumenti relatati;

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza li tiġi assigurata l-protezzjoni ta' l-interessi tal-konsumaturi fit-trasport internazzjonali bl-ajru u l-bżonn għal kumpens ekwu bbażat fuq il-prinċipju ta' restituzzjoni;

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID ix-xewqa ta' żvilupp ordnat ta' operazzjonijiet internazzjonali ta' trasport bl-ajru u mixtieq li jsir żvilupp ordinat ta' l-operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali bl-ajru u t-tmexxija mingħajr problemi ta' passiġġieri, bagalji u merkanzija skond il-prinċipji u l-objettivi tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Internazzjonali Ċivili, magħmula f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944;

WAQT LI HUMA KONVINTI illi l-azzjoni kollettiva mill-Istat għal armozzazzjoni u kodifikazzjoni akbar ta' ċerti regoli li jirregolaw it-trasport internazzjonali bl-ajru permezz ta' Konvenzjoni ġdida hija l-mezz l-aktar adegwat biex jiġi akkwistat bilanċ ekwu ta' l-interessi

FTIEHMU KIF ĠEJ

## KAPITOLU I

## Disposizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 1*

### L-Iskop ta' applikazzjoni

1. Din il-Konvenzjoni tapplika għat-trasport internazzjonali ta' persuni, bagalji jew merkanzija kollha mwettqa bl-inġenji ta' l-ajru għall-ħlas. Tapplika ugwalment għal trasport b'xejn imwettaq minn impriża tat-trasport bl-ajru.

2. Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, l-espressjoni trasport internazzjonali tfisser kull trasport li fih, skond il-Ftehim bejn il-Partijiet, il-post tat-tluq u l-post tad-destinazzjoni, kemm jekk hemm waqfa fit-trasport jew transbord, jinstabu jew fit-territorji ta' żewġ Stati Partijiet, jew fit-territorju ta' Stat Parti wieħed, jekk hemm post miftiehem ta' waqfien fit-territorju ta' Stat ieħor, ukoll jekk dak l-Istat mhuwiex Stat Parti. It-trasport bejn żewġ punti fit-territorju ta' Stat Parti singola mingħajr ftehim ta' waqfien miftiehem fit-territorju ta' Stat ieħor mhuwiex trasport internazzjonali għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni.

3. It-trasport li għandu jsir minn diversi trasportaturi suċċessivi jitqies, għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, li huwa trasport wieħed indiviż jekk ġie meqjus mill-Partijiet bħala operazzjoni singola, kemm jekk ġie miftiehem taħt il-forma ta' kuntratt singolu jew serje ta' kuntratti, u ma jitlifx il-karattru internazzjonali sempliċiment minħabba li kuntratt wieħed jew serje ta' kuntratti għandu jiġi esegwit kompletament fit-territorju ta' l-istess Stat.

4. Din il-Konvenzjoni tapplika wkoll għal trasport kif stabbilit fil-Kapitolu V, soġġett għal kondizzjonijiet hemmhekk.

*Artikolu 2*

### Trasport imwettaq mill-Istat u trasport ta' oġġetti postali

1. Din il-Konvenzjoni tapplika għat-trasport imwettaq mill-Istat jew minn korpi pubbliċi kkostitwiti legalment, sakemm taqa' fil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.

2. Fit-trasport ta' l-oġġetti postali, it-trasportatur huwa responsabbli biss għall-amministrazzjoni postali relevanti skond ir-regoli applikabbli għar-relazzjoni bejn it-trasportaturi u l-amministrazzjonijiet postali.

3. Ħlief kif previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni ma japplikawx għat-trasport ta' oġġetti postali.

## KAPITOLU 2

## Dokumentazzjoni u dmirjiet tal-Partijiet li jirrelataw għat-trasport ta' passiġġieri, bagalji u merkanzija

*Artikolu 3*

### Passiġġieri u bagalji

1. Fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri, individwu jew dokument kollettiv ta' trasport għandu jingħata u jikkontjeni:

(a) indikazzjoni tal-postijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni;

(b) jekk il-postijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni huma fit-territorju ta' Stat Parti wieħed, post ta' waqfien wieħed jew aktar li jkunu fit-territorju ta' Stat ieħor, indikazzjoni ta' l-inqas ta' post wieħed ta' waqfien bħal dan.

2. Kull mezz ieħor li jippreserva l-informazzjoni indikata fil-paragrafu 1 jista' jiġi sostitwit għall-kunsinna tad-dokument imsemmi f'dak il-paragrafu. Jekk jintuża xi mezz ieħor bħal dan, it-trasportatur għandu joffri li jagħti lill-passiġġier dikjarazzjoni bil-miktub ta' l-informazzjoni hekk ippreservata.

3. It-trasportatur għandu jagħti lill-passiġġier tabella li tidentifika l-bagalja għal kull bagalja vverifikata.

4. Il-passiġġier għandu jingħata notifika bil-miktub li tispjega li meta din il-Konvenzjoni hija applikabbli tirregola u tista' tillimita r-responsabbiltà ta' trasportaturi fir-rigward ta' mewt jew inġurja u għad-distruzzjoni jew it-telf għal, jew ħsara lil bagalji u għal dewmien.

5. In-nuqqas ta' konformità mad-disposizzjonijiet tal-paragrafi preċedenti m'għandux jeffettwa l-eżistenza jew il-validità tal-kuntratt tat-trasport, li għandu, madanakollu, ikun soġġett għar-regoli ta' din il-Konvenzjoni inklużi dawk li jirrelataw għal limitazzjoni tar-responsabbiltà.

*Artikolu 4*

**Il-Merkanzija**

1. Fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija, għandha tiġi kkunsinnata *air waybill*.

2. Kull mezz ieħor li jippreserva reġistrazzjoni tat-trasport li għandu jsir jista' jiġi sostitwit għall-kunsinna ta' *air waybill*. Jekk jintuża mezz ieħor, it-trasportatur għandu, jekk mitlub mill-kunsinnatarju, jagħti lill-kunsinnatur riċevuta tal-merkanzija li tippermetti identifikazzjoni tal-kunsinna u aċċess għall-informazzjoni li tinsab fir-reġistru ppreservat b'mezz ieħor.

*Artikolu 5*

**Il-Kontenut ta' l-air waybill jew l-irċevuta tal-merkanzija**

L-*air waybill* jew l-irċevuta tal-merkanzija għandha tinkludi

(a) indikazzjoni tal-postijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni;

(b) jekk il-postijiet tat-tluq u ta' destinazzjoni huma fit-territorju ta' Stat Parti singolu, u post wieħed jew iktar tal-waqfien li hemm ftehim dwarhom ikunu fit-territorju ta' Stat ieħor, indikazzjoni ta' għall-inqas post wieħed tal-waqfien minn dawn; u

(c) indikazzjoni tal-piż tal-kunsinna.

*Artikolu 6*

**Dokument dwar in-natura tal-merkanzija**

Il-kusinnatur jista' jkun meħtieġ, jekk neċessarju jissodisfa l-formalitajiet ta' l-awtoritajiet doganali, tal-pulizija u pubbliċi simili sabiex jikkunsinna dokument li jindika n-natura tal-merkanzija. Din id-disposizzjoni ma tikkrea għat-trasportatur l-ebda dazju, obbligu jew responsabbiltà li tirriżulta minnhom.

*Artikolu 7*

**Deskrizzjoni ta' *air waybill***

1. L-*air waybill* għandha timtela mill-kunsinnatur fi tliet partijiet oriġinali.

2. L-ewwel parti għandha tiġi mmarkata "għat-trasportatur"; għandha tiġi ffirmata mill-kunsinnatarju. It-tieni parti għandha tiġi mmarkata "għad-destinatarju"; għandha tiġi ffirmata mill-kunsinnatarju u mit-trasportatur. It-tielet parti għandha tiġi ffirmata mit-trasportatur li għandu jagħtiha lill-kunsinnatarju wara li l-merkanzija tiġi aċċettata.

3. Il-firma tat-trasportatur u dik tal-kunsinnatur tista' tiġi stampata jew ittimbrata.

4. Jekk, fuq talba tal-kunsinnatur, it-trasportatur jimla' l-*air waybill*, it-trasportatur għandu jitqies, soġġett għall-prova tal-kuntrarju, li għamel dan f'isem il-kunsinnatarju.

*Artikolu 8*

**Dokumentazzjoni għal pakketti multipli**

Meta hemm aktar minn pakkett wieħed:

(a) it-trasportatur tal-merkanzija għandu dritt li jeħtieġ lill-kunsinnatarju jimla *air waybills* separati;

(b) il-kunsinnatarju għandu dritt jeħtieġ lit-trasportatur jikkunsinna riċevuti separati tal-merkazija meta l-mezzi l-oħrajn imsemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 4 jintużaw.

*Artikolu 9*

**Non konformità mal-ħtiġiet dokumentarji**

Non-konformità mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 sa 8 m'għandhiex teffettwa l-eżistenza jew il-validità tal-kuntratt tat-trasport, li għandu madanakollu, ikun soġġett għar-regoli ta' din il-Konvenzjoni inklużi dawk dwar limitazzjoni tar-responsabbiltà.

*Artikolu 10*

**Responsabbiltà għad-dettalji tad-dokumentazzjoni**

1. Il-kunsinnatarju huwa responsabbli għall-korrettezza tad-dettalji u dikjarazzjonijiet li jirrelataw għall-merkanzija inserita minnu jew għan-nom tagħha fl-*air waybill* jew fornita minnha jew għan-nom tagħha lit-trasportatur għal inserzjoni fir-riċevuta tal-merkanzija jew għal inserzjoni fir-reġistru ppreservat bil-mezzi l-oħra msemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 4. Ta' qabel għandu wkoll japplika meta l-persuna li taġixxi għan-nom tal-kunsinnatur hija wkoll aġent tat-trasportatur.

2. Il-kunsinnatur għandu jindemnizza lit-trasportatur kontra kull ħsara sofferta, jew minn kull persuna oħra li lilha t-trasportatur ikun responsabbli, għar-raġuni ta' l-irregolarità, l-inkorrettezza jew l-inkompletezza tad-dettalji u d-dikjarazzjonijiet forniti mill-kunsinnatur jew għan-nom tiegħu.

3. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, it-trasportatur għandu jindenizza lill-kounsinnatur kontra kull dannu soffert, jew minn kull persuna oħra li lilha l-kunsinnatur huwa responsabbli għar-raġuni ta' l-irregolarità, l-inkorrettezza jew l-inkompletezza tad-dettalji u dikjarazzjonijiet inseriti mit-trasportatur jew f ismu fl-irċevuta tal-merkanzija jew fir-reġistru ppreservat bil-mezzi l-oħrajn imsemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 4.

*Artikolu 11*

**Valur ta' evidenza ta' dokumentazzjoni**

1. L-*air waybill* jew l-irċevuta tal-merkanzija huma provi *prima facie* tal-konklużjoni tal-kuntratt, ta' l-aċċettazzjoni tal-merkanzija u tal-kondizzjonijiet ta' trasport imsemmija hemm-hekk.

2. Kull dikjarazzjoni fl-*air waybill* jew l-irċevuta tal-merkanzija dwar il-piż, id-dimensjonijiet u l-ippakkeġġjar tal-merkanzija, kif ukoll dawk relatati man-numru ta' pakketti, huma prova prima facie tal-fatti ddikjarati; dawk li jirrelataw għall-kwantità, il-volum u l-kondizzjoni tal-merkanzija ma jikkostitwixxux prova kontra t-trasportatur ħlief sa fejn it-tnejn kienu u huma, dikjarati fl-*air waybill* jew l-irċevuta tal-merkanzija li ġew ikkontrollati minnha fil-preżenza tal-kunsinnatur, jew jirrelataw għall-kundizzjoni apparenti tal-merkanzija.

*Artikolu 12*

**Dritt li jiddisponi mill-merkanzija**

1. Soġġett għar-responsabbiltà tiegħu li jwettaq l-obbligi kollha skond il-kuntratt tat-trasport, il-kunsinnatur għandu d-dritt li jeħles mill-merkanzija billi jiġborha fl-ajruport tat-tluq jew destinazzjoni, jew billi jwaqqafha tul il-vjaġġ fi kwalunkwe atterraġġ, jew billi jitlob li tiġi kkunsinnata fil-post tad-destinazzjoni jew tul il-vjaġġ lil persuna ta' xort' oħra mid-destinatarju oriġinarjament maħtur, jew billi jeħtieġ li jiġi rritornat fl-ajruport tat-tluq. Il-kunsinnatur m'għandux jeżerċita d-dritt li jiddisponi mill-merkanzija b'tali mod li jippreġudika lit-trasportatur jew kunsinnatarji oħrajn u għandu jirrimborsa kull spiża kkawżata mill-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

2. Jekk huwa impossibbli li jitwettqu l-istruzzjonijiet tal-kunsinnatur, it-trasportatur għandu jinforma lill-kunsinnatur minnufih.

3. Jekk it-trasportatur iwettaq l-istruzzjonijiet tal-kunsinnatur għad-disposizzjoni tal-merkanzija mingħajr ma jeħtieġ il-preżentazzjoni tal-parti ta' l-*air waybill* jew l-irċevuta tal-merkanzija kkunsinnata lil ta' l-aħħar, it-trasportatur ikun responsabbli, mingħajr preġudizzju għad-dritt tiegħu li jirkupra mill-kunsinnatur, għal kwalunkwe ħsara li tista' tiġi kkawżata b'dan lil kwalunkwe persuna li hija legalment fil- pussess ta' dik il-parti ta' l-*air waybill* jew l-irċevuta tal-merkanzija.

4. Id-dritt mogħti lill-kunsinnatur jieqaf fil-mument meta jibda dak tal-kunsinnatarju skond l-Artikolu 13. Madanakollu, jekk il-kunsinnatarju jonqos li jaċċetta l-merkanzija, jew ma jistax jinstab, il-kunsinnatur jerġa' jieħu d-dritt li jiddisponi.

*Artikolu 13*

**Il-Kunsinna tal-merkanzija**

1. Ħlief meta l-kunsinnatur ikun eżerċita d-dritt tiegħu skond l-Artikolu 12, il-kunsinnatarju huwa ntitolat, mal-wasla tal-merkanzija fil-post tad-destinazzjoni, li jeħtieġ lit-trasportatur jikkunsinnalu l-merkanzija, fuq ħlas tal-piżijiet dovuti u malli jikkonforma mal-kondizzjonijiet tat-trasport.

2. Sakemm mhux miftiehem xort' oħra, huwa d-dmir tat-trasportatur li javża lill-kunsinnatarju malli tasal il-merkanzija.

3. Jekk it-trasportatur jammetti li tilef il-merkanzija, jew jekk il-merkanzija ma tkunx waslet ma' l-iskadenza ta' sebat ijiem mid-data li fiha suppost kienet waslet, il-kunsinnatarju huwa ntitolat iġib fis-seħħ kontra t-trasportatur id-drittijiet li jemanu mill-kuntratt tat-trasport.

*Artikolu 14*

**Applikazzjoni tad-drittijiet tal-kunsinnatur u l-kunsinnatarju**

Il-kunsinnatur u l-kunsinnatarju jistgħu rispettivament iġibu fis-seħħ id-drittijiet kollha mogħtija lilhom mill-Artikoli 12 u 13, kull wieħed f'ismu, kemm jekk jaġixxi f'ismu stess jew fl-interessi ta' ħaddieħor, sakemm huwa jwettaq l-obbligi tiegħu imposti mill-kuntratt tat-trasport.

*Artikolu 15*

**Relazzjonijiet tal-kunsinnatur u l-kunsinnatarju jew relazzjonijiet reċiproċi ta' partijiet terzi**

1. L-Artikoli 12, 13 u 14 ma jaffetwaw la r-relazzjonijiet tal-kunsinnatur u tal-kunsinnatarju bejniethom u lanqas ir-relazzjonijiet reċiproċi ma' terzi, li d-drittijiet tagħhom jemanu jew mill-kunsinnatur jew mill-kunsinnatarju.

2. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 12, 13 u 14 jistgħu biss jiġu varjati permezz ta' disposizzjoni espressa fl-air waybill jew l-irċevuta tal-merkanzija.

*Artikolu 16*

**Formalitajiet doganali, tal-pulizija jew ta' awtoritajiet pubbliċi oħrajn**

1. Il-kunsinnatur għandu jforni din l-informazzjoni u dawk id-dokumenti neċessarji biex jissodisfaw il-formalitajiet doganali, il-pulizija u awtoritajiet pubbliċi oħrajn qabel ma l-merkanzija tiġi kkunsinnata lill-kunsinnatur. Il-kunsinnatarju huwa responsabbli lejn it-trasportatur għal kull dannu kkaġunat mill-assenza, l-insuffiċjenza jew l-irregolarità ta' din l-informazzjoni jew dokumenti, sakemm il-ħsara ma tkunx dovuta għat-tort tat-trasportatur, is-servjenti jew l-aġenti tiegħu.

2. It-trasportatur m' għandu l-ebda obbligu li jistaqsi dwar il-korrettezza jew is-suffiċjenza ta' l-informazzjoni jew id-dokumenti

KAPITOLU III

**Ir-Responsabbiltà tat-trasportatur u l-estent tal-kumpens għad-danni**

*Artikolu 17*

**Mewt u inġurji tal-passiġġieri – dannu lill-bagalji**

1. It-trasportatur huwa responsabbli għad-danni sofferti filkaż ta' mewt jew inġurji personali ta' passiġġier sakemm biss l-inċident li kkawża l-mewt jew l-inġurja seħħ abbord l-ajruplan jew tul xi operazzjonijiet ta' imbark jew żbark.

2. It-trasportatur huwa responsabbli għad-danni sofferti filkaż ta' distruzzjoni jew telf ta' jew dannu lil bagalji kkontrollati sakemm biss il-każ li kkawża d-distruzzjoni, it-telf jew iddannu seħħ abbord l-inġenju ta' l-ajru jew tul kwalunkwe perijodu li fih il-bagalji kkontrollati kienu fil-kura tat-trasportatur. Madanakollu, it-trasportatur mhuwiex responsabbli jekk, u sa fejn, il-ħsara li tirriżulta mid-difett inerenti, mill-kwalità jew problema tal-bagalja. Fil-każ ta' bagalji mhux ivverifikati, inklużi oġġetti personali, it-trasportatur huwa responsabbli jekk id-dannu rriżulta mit-tort tiegħu jew tas-servjenti jew l-aġenti tiegħu.

3. Jekk it-trasportatur jammetti telf tal-bagalji kkontrollati, jew jekk il-bagalji kkontrollati ma waslux fl-iskadenza ta' 21 jum mid-data li fiha suppost waslu, il-passiġġier huwa intitolat li jġib fis-seħħ kontra t-trasportatur id-drittijiet li jemanu millkuntratt tat-trasport.

4. Sakemm mhux speċifikat xort' oħra, f'din il-Konvenzjoni t-terminu "bagalji" jfisser kemm bagalji kkontrollati kif ukoll bagalji mhux ikkontrollati.

*Artikolu 18*

**Dannu lill-merkanzija**

1. It-trasportatur huwa responsabbli għad-danni sofferti filkaż ta' distruzzjoni jew telf ta' merkanzija sakemm biss dak ilkaż li kkawża d-dannu seħħ waqt it-trasport bl-ajru.

2. Madanakollu, it-trasportatur mhux responsabbli jekk, u sa fejn dik id-distruzzjoni, it-telf ta' jew dannu lill-merkanzija rriżultat minn wieħed jew iktar minn dawn:

(a) difett, kwalità jew nuqqas inerenti ta' dik il-merkanzija

(b) imballaġġ difettuż ta' dik il-merkanzija mwettaq minn persuna oħra minbarra t-trasportatur, is-servjenti jew l-aġenti tiegħu

(ċ) att ta' gwerra jew kunflitt armat;

(d) att ta' awtorità pubblika mwettqa in konnessjoni mad-dħul, il-ħruġ jew it-tranżitu tal-merkanzija.

3. It-trasport bl-ajru fis-sens tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludi l-perijodu li fih il-merkanzija hija fil-kura tat-trasportatur.

4. Il-perijodu tat-trasport bl-ajru ma jestendix għal xi trasport bl-art, bil-baħar jew fuq kanal ta' l-ilma intern imwettaq barra ajruport. Jekk, madanakollu dan it-trasport iseħħ fit-twettieq ta' kuntratt għat-trasport bl-ajru, għall-iskop ta' tagħbija, kunsinna jew transbord, kull ħsara hija preżunta, soġġett għallprova għall-kuntrarju, li hija r-riżultat ta' ġrajja li seħħet waqt it-trasport bl-ajru. Jekk trasportatur, mingħajr il-kunsens talkunsinnatur, jissostitwixxi t-trasport b'mezz tat-trasport ieħor għall-vjaġġ komplet jew in parti ta' trasport intiż mill-ftehim bejn il-partijiet għal trasport bl-ajru, dan it-trasport jitqes li jkun fil-perjodu ta' trasport bl-ajru.

*Artikolu 19*

**Dewmien**

It-trasportatur huwa responsabbli għal dannu kkaġunat minn dewmien fit-trasport bl-ajru tal-passiġġieri, il-bagaliji jew ilmerkanzija. Madanakollu, it-trasportatur m'għandux ikun responsabbli għad-danni kkawżati bid-dewmien jekk jidher illi ttrasport u s-servjenti u l-aġenti tiegħu ħadu l-miżuri kollha li setgħu jintalbu raġjonevolment sabiex jevitaw id-dannu jew li kien impossibbli għalihom li jieħdu dawn il-miżuri.

*Artikolu 20*

**L-Eżonerazzjoni**

Jekk it-trasportatur jipprova li d-dannu ġie kkawżat jew kontribwit bin-negliġenza jew att ħażin jew negliġenti tal-persuna li titlob kumpens, jew il-persuna li mingħandha hu jew hi jieħdu d-drittijiet tiegħu/tagħha, it-trasportatur għandu jkun kompletament jew parzjalment eżonerat mir-responsabbiltà tiegħu lejn l-attur, sa fejn din in-negliġenza jew att ħażin jew negliġenti kkawżaw jew ikkontribwew għad-dannu. Meta għarraġuni ta' mewt jew inġurja ta' passiġġier jintalab kumpens minn persuna minbarra l-passiġġier, it-trasportatur għandu blistess mod ikun eżonerat kompletament jew parzjalment mirresponsabbiltà tiegħu sa fejn jipprova li d-dannu ġie kkawżat jew saret kontribuzzjoni lilu minn negliġenza jew att ħażin jew negliġenti ta' dak il-passiġġier. Dan l-Artikolu japplika għad-dispożizzjonijiet kollha ta' responsabbiltà f'din il-Konvenzjoni, inkluż il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 21.

*Artikolu 21*

**Kumpens f'każ ta' mewt jew inġurja ta' passiġġieri**

1. Għal danni kkawżati taħt il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 17 li ma jaqbżux 100 000 Dritt Speċjali tal-Ġbid għal kull passiġġier, it-trasportatur ma jistax jeskludi jew jillimita r-responsabbiltà tiegħu.

2. It-trasportatur m' għandux ikun responsabbli għal danni kkawżati taħt il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 17 sa fejn jeċċedu għal kull passiġġier 100 000 Dritt Speċjali tal-Ġbid jekk it-trasportatur jipprova illi:

(a) dan id-dannu ma ġiex ikkawżat min-negliġenza jew att ħażin jew negliġenza tat-trasportatur jew is-servjenti jew l-aġenti tiegħu; jew

(b) id-dannu kien dovut biss għal negliġenza jew att jew omissjoni ta' parti terza.

*Artikolu 22*

**Limiti tar-responsabbiltà fir-rigward ta' demwien, bagalji u merkanzija**

1. Fil-każ ta' dannu kkawżat minn dewmien kif speċifikat fl-Artikolu 19 fit-trasport ta' persuni, ir-responsabbiltà tat-trasportatur għal kull passiġġier huwa llimitat għal 4 150 Dritt Speċjali tal-Ġbid.

2. Fil-trasport ta' bagalji, ir-responsabbiltà f'każ ta' distruzzjoni, telf, dannu jew dewmien hija llimitata għal 1 000 Dritt Speċjali tal-Ġbid għal kull passiġġier sakemm il-passiġġier m'għamilx, fil-ħin meta l-bagalji vverifikati ngħataw lit-trasportatur, dikjarazzjoni speċjali ta' interess fil-kunsinna fid-destinazzjoni u jkun ħallas somma supplimentari jekk jitlob il-każ. F'dak il-każ it-trasportatur huwa responsabbli li jħallas somma li ma teċċedix is-somma dikjarata, sakemm ma jiġix ippruvat li s-somma hija ikbar mill-interess attwali tal-passiġġier fil-kunsinna fid-destinazzjoni.

3. Fit-trasport tal-merkanzija, ir-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' distruzzjoni, telf, dannu jew dewmien hija llimitata għal somma ta' 17-il Dritt Speċjali tal-Ġbid għal kull kilogramma, sakemm il-kunsinnatur ma jkunx għamel, meta l-pakkett ingħata lit-trasportatur, dikjarazzjoni speċjali ta' interess fil-kunsinna fid-destinazzjoni u jkun ħallas somma supplementari jekk jeħtieġ il-każ. F'dak il-każ it-trasportatur huwa responsabbli li jħallas somma mhux akbar mis-somma ddikjarata, sakemm ma jiġix ippruvat li s-somma hija ikbar mill-interess attwali tal-kunsinnatur fil-kunsinna fid-destinazzjoni.

4. F' każ ta' distruzzjoni, telf, dannu jew dewmien ta' parti mill-merkanzija, jew ta' kull oġġett hemmhekk, il-piż li għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi ddeterminat l-ammont li għalih hija llimitata r-responsabbiltà tat-trasportatur għandu jkun biss il-piż totali tal-pakkett jew pakketti kkonċernati. Madanakollu, meta d-distruzzjoni, it-telf, id-dannu jew id-dewmien ta' parti mill-merkanzija, jew oġġett li jinsab fiha, jaffettwa l-valur ta' pakketti oħrajn koperti bl-istess *air waybill*, jew l-istess irċevuta, jew jekk ma nħarġux, mill-istess reġistru ppreservat bil-mezzi l-oħrajn imsemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 4, il-piż totali ta' dan il-pakkett jew pakketti għandu wkoll jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni tal-limitu tar-responsabbiltà.

5. Id-disposizzjonijiet preċedenti tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw jekk jiġi ppruvat illi l-ħsara li tirriżulta minn att jew ommissjoni tat-trasportatur, is-servjenti jew l-aġenti tiegħu, magħmula bl-intenzjoni li tikkawża dannu jew b'traskuraġni u bl-għarfien illi dak id-dannu kien x'aktarx jirriżulta; sakemm, fil-każ ta' dan l-att jew omissjoni ta' servjent jew aġent huwa wkoll ippruvat li dan is-servjent jew aġent kien qed jaġixxi fl-iskop ta' l-impieg tiegħu.

6. Il-limiti preskritti fl-Artikolu 21 u f'dan l-Artikolu m'għandhomx jipprevjienu l-qorti milli tagħti, skond il-liġi proprja, f'addizzjoni, l-ispejjeż kollha jew in parti tal-qorti u l-ispejjeż l-oħrajn tal-litigazzjoni li bata l-attur, inklużi l-interessi. Id-disposizzjoni preċedenti m'għandhiex tapplika jekk l-ammont tad-danni mogħtija, minbarra l-ispejjeż tal-qorti u spejjeż oħrajn tal-litigazzjoni, ma jeċċedux is-somma li t-trasportatur offra bil-miktub lill-attur fi żmien sitt xhur mid-data meta seħħet il-kawża tad-dannu, jew qabel il-bidu ta' l-azzjoni, jekk din isseħħ wara.

*Artikolu 23*

**Konverżjoni ta' unitajiet monetarji**

1. Is-somom imsemmija f'termini ta' Dritt Speċjali tal-Ġbid f'din il-Konvenzjoni għandhom jitqiesu li jirreferu għad-Dritt Speċjali tal-Ġbid kif definit mill-Fond Monetarju Internazzjonali. Il-Konverżjoni tas-somom f'muniti nazzjonali għandha, f'każ ta' proċeduri ġudizzjarji, issir skond il-valur ta' dawk il-valuti f'termini tad-Dritt Speċjali tal-Ġbid fid-data tas-sentenza. Il-valur tal-valuta nazzjonali, f'termini tad-Dritt Speċjali tal-Ġbid ta' Stat Parti li huwa Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, għandu jinħadem skond il-metodu ta' valutazzjoni applikat mill-Fond Monetarju Internazzjonali fis-seħħ fid-data tas-sentenza, għax-xogħolijiet u l-operazzjonijiet tiegħu. Il-valur tal-munita nazzjonali, f'termini tad-Dritt Speċjali tal-Ġbid, ta' Stat Parti li mhuwiex Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, għandu jinħadem bil-mod iddeterminat minn dak l-Istat.

2. Madanakollu, dawk l-Istati li mhumiex Membri tal-Fond Monetarju Internazzjonali u li l-liġijiet tagħhom ma jippermettux l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu, fil-ħin tar-ratifika jew l-aċċess jew fi kwalunkwe ħin wara jiddikjaraw li l-limitu ta' responsabbiltà tat-trasportatur, preskritt fl-Artikolu 21 huwa ffissat għas-somma ta' *1 500 000* unità monetarja għal kull passiġġier fil-proċeduri ġudizzjari fi-territorji tagħhom; *620 500* unità monetarja għal kull passiġġier fir-rigward tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu *22*; *15 000* unità monetarja għal kull passiġġier fir-rigward tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu *22*; u *250* unità monetarja għal kull kilogramma fir-rigward tal-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 22. Din l-unità monetarja tikkorrispondi għal *65,5* milligramma deheb ta' finezza milleżimali disa' mija. Dawn is-somom jistgħu jiġu kkonvertiti fil-valuta nazzjonali kkonċernata f'figuri sħaħ. Il-konverżjoni ta' dawn is-somom f'valuta nazzjonali għandha ssir skond il-liġi ta' l-Istat ikkonċernat.

3. Il-kalkolu msemmi fl-aħħar frażi tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-metodu ta' konverżjoni msemmi fil-paragrafu 2 ta'

dan l-Artikolu għandhom isiru b'tali mod li jesprimu fil-valuta nazzjonali ta' l-Istat Parti kemm jista' jkun l-istess valur reali għall-ammonti fl-Artikoli *21* u *22* li kienu jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-ewwel tliet frażijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Partijiet għandhom jikkomunikaw lid-depożitarju l-mod ta' kalkolu skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew ir-riżultat tal-konverżjoni fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu skond il-każ, meta jsir id-depożitu ta' strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni ta' jew adeżjoni għal din il-Konvenzjoni u kull meta jkun hemm xi tibdil f'waħda minnhom.

*Artikolu 24*

**Reviżjoni tal-limiti**

1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 25 ta' din il-Konvenzjoni u soġġett għall-paragrafu 2 taħt, il-limiti tar-responsabbiltà preskritti fl-Artikoli 21, 22 u 23 għandhom jiġu riveduti mid-Depożitarju f'intervalli ta' ħames snin, u l-ewwel wieħed fl-aħħar tal-ħames sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, jew jekk il-Konvenzjoni ma tidħolx fis-seħħ fi żmien ħames snin mid-data li l-ewwel tinfetaħ għall-firem, fl-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ tagħha, b'riferenza għal fattur ta' inflazzjoni li jikkorrispondi għar-rata akkumulata ta' inflazzjoni mir-reviżjoni preċedenti jew fl-ewwel istanza mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni. Il-miżura tar-rata ta' inflazzjoni li għandha tintuża biex jiġi ddeterminat il-fattur ta' l-inflazzjoni għandha tkun il-medja peżata tar-rati annwali ta' żieda jew tnaqqis fl-Indiċijiet tal-Prezzijiet tal-Konsumatur ta' Stati li l-valuti tagħhom jikkostitwixxu id-Dritt Speċjali tal-Ġbid imsemmi fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 23.

2. Jekk ir-reviżjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti tikkonkludi li l-fattur ta' l-inflazzjoni eċċeda l-10 fil-mija, id-Depożitarju għandu jinnotifika lill-Istati Partijiet bir-reviżjoni tal-limiti tar-responsabbiltà. Kull reviżjoni ta' din ix-xorta għandha ssir effettiva sitt xhur wara n-notifika tagħha lill-Istati Partijiet. Jekk fi żmien tliet xhur wara n-notifika ta' l-Istati Partijiet il-maġġoranza ta' l-Istati Partijiet jirreġistraw id-disapprovazzjoni tagħhom, ir-reviżjoni m'għandhiex issir effettiva u d-Depożitarju għandu jirreferi l-kwistjoni f'laqgħa ta' l-Istati Partijiet. Id-Depożitarju għandu immedjatament jinnotifika lill-Istati Partijiet kollha bid-dħul fis-seħħ ta' kull reviżjoni.

3. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi applikata fi kwalunkwe ħin sakemm terz ta' l-Istati Partijiet juru xewqa għal dan u b'kundizzjoni li l-fattur ta' l-inflazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 jkun eċċeda t-30 fil-mija mir-reviżjoni preċedenti jew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni jekk ma kien hemm l-ebda reviżjoni preċedenti. Reviżjonijiet sussegwenti bl-użu tal-proċedura deskritta fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom iseħħu f'intervalli ta' ħames snin li jibdew minn tmiem il-ħames sena wara d-data tar-reviżjonijiet taħt il-paragrafu preżenti.

*Artikolu 25*

**Stipulazzjonijiet fuq il-limiti**

Trasportatur jista' jistipula li l-kuntratt tal-ġarr għandu jkun suġġett għal-limiti ogħla ta' responsabbiltà minn dawk previsti f'din il-Konvenzjoni jew għall-ebda limitu ta' responsabbiltà.

*Artikolu 26*

**L-Invalidità ta' disposizzjonijiet kontrattwali**

Kull disposizzjoni li tista' tissolleva lit-trasportatur mir-responsabbiltà jew tiffissa limitu aktar baxx minn dak stabbilit f'din il-Konvenzjoni għandha tkun nulla u mingħajr effett, iżda n-nullità ta' kull disposizzjoni ma tinvolvix in-nullità tal-kuntratt sħiħ, li għandu jibqa' soġġett għad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 27*

**Il-Libertà ta' kuntratt**

Xejn f'din il-Konvenzjoni m'għandu jipprevjieni lit-trasportatur milli jirrifjuta li jidħol f'xi kuntratt tat-trasport, milli jċedi d-difiżi disponibbli għalih taħt il-Konvenzjoni, jew milli jistabbilixxi kondizzjonijiet li mhumiex konfliġġenti mad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 28*

**Ħlas bil-quddiem**

Fil-każ ta' inċidenti ta' inġenji ta' l-ajru li jirriżultaw fil-mewt jew l-inġurja tal-passiġġieri, it-trasportatur għandu, jekk meħtieġ mil-liġi nazzjonali tiegħu, iħallas bil-quddiem mingħajr dewmien lil persuna jew persuni fiżiċi li huma ntitolati li jitolbu kumpens sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġiet ekonomiċi immedjati ta' dawn il-persuni. Dawn il-ħlasijiet bil-quddiem m'għandhomx jikkostwixxu rikonoxximent ta' responsabbiltà u jistgħu jiġu tpaċuti kontra kwalunkwe ammonti sussegwentement imħallsa bħala danni mit-trasportatur.

*Artikolu 29*

**Bażi tal-pretensjonijiet**

Fil-trasport tal-passiġġieri, bagalji u merkanzija, kull azzjoni għal danni, tkun kif tkun fondata, kemm taħt din il-Konvenzjoni jew taħt kuntratt jew delitt jew xort' oħra, tista' tinġieb biss bla ħsara għall-kondizzjonijiet u dawn il-limiti ta' responsabbiltà kif stabbiliti f'din il-Konvenzjoni bla ħsara għall-kwistjoni dwar min huma l-persuni li għandhom id-dritt li jġibu l-azzjoni u x'inhuma d-drittijiet rispettivi tagħhom. F'kull azzjoni ta' din ix-xorta, m'humiex rikoverabbli danni punitivi, eżemplari jew danni oħrajn non-kompensatorji.

*Artikolu 30*

**Servjenti, aġenti – aggregazzjoni tal-pretensjonijiet**

1. Jekk tinġieb azzjoni kontra servjent jew aġent tat-trasportatur li tikkawża dannu li tirrelata għalih il-Konvenzjoni, dan is-servjent jew aġent, jekk jipprovaw li aġixxew fl-iskop ta' l-impieg tagħhom, huma intitolati li jivvantaw ruħhom mill-kondizzjonijiet u l-limiti tar-responsabbiltà li għalihom huwa intitolat it-trasportatur stess li jġib skond din il-Konvenzjoni.

2. It-total ta' l-ammonti rikoverabbli mit-trasportatur, is-servjenti u l-aġenti tiegħu, f'dak il-każ, m'għandhomx jeċċedu l-limiti msemmija.

3. Ħlief fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija, id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw jekk jiġi ppruvat li d-dannu rriżulta minn att jew ommissjoni tas-servjent jew l-aġent magħmul bl-intenzjoni li jikkawża dannu jew bi traskuraġni u bl-għarfien li x'aktarx jirriżulta d-dannu.

*Artikolu 31*

**Notifika fil-ħin tal-pretensjonijiet**

1. Riċevuta mill-persuna intitolata għall-kunsinna ta' bagalji jew merkanzija kkontrollata mingħajr ilment hija prova *prima facie* li l-istess ġie kkunsinnat f'kondizzjoni tajba u skond id-dokument ta' trasport jew ir-reġistru ppreservat bil-mezzi l-oħrajn imsemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3 u l-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 4.

2. Fil-każ ta' dannu, il-persuna intitolata għall-kunsinna għandha tilmenta lit-trasportatur minnufih wara l-iskoperta tad-dannu, u mhux aktar tard minn sebat ijiem mid-data ta' l-irċevuta fil-każ ta' bagalji kkontrollati, u 14-il jum mid-data ta' l-irċevuta fil-każ ta' merkanzija. Fil-każ ta' dewmien, l-ilment għandu jsir mhux aktar tard minn 21 jum mid-data li fiha l-bagalji jew il-merkanzija tqiegħdu għad-disposizzjoni tiegħu jew tagħha.

3. Kull ilment għandu jsir bil-miktub u jingħata jew jintbagħat fiż-żminijiet imsemmija fuq.

4. Jekk ma jsir l-ebda lment fiż-żminijiet imsemmija, ma jkun hemm l-ebda azzjoni kontra t-trasportatur, ħlief fil-każ ta' frodi da parti tiegħu.

*Artikolu 32*

**Mewt tal-persuna responsabbli**

Fil-każ li tmut il-persuna responsabbli, ikun hemm azzjoni għal danni skond it-termini ta' din il-Konvenzjoni kontra dawk li legalment jirrappreżentaw l-eredità tiegħu jew tagħha

*Artikolu 33*

**Il-Ġurisdizzjoni**

1. Azzjoni għad-danni għandha tinġieb, skond l-għażla ta' l-attur, fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Partijiet, jew quddiem il-qorti tad-domiċilju tat-trasportatur jew tal-post prinċipali tan-negozju tiegħu, jew fejn għandu post tan-negozju li permezz tiegħu sar il-kuntratt jew quddiem il-qorti fil-post tad-destinazzjoni.

2. Fir-rigward ta' dannu li jirriżulta mill-mewt jew id-dannu ta' passiġġier, azzjoni tista' tinġieb quddiem waħda mill-qrati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew fit-territorju ta' Stat Parti li fih fil-ħin ta' l-inċident il-passiġġier għandu r-residenza prinċipali u permanenti tiegħu u li għaliha jew minnha t-trasportatur jopera servizzi għat-trasport ta' passiġġieri bl-ajru, jew bl-inġenji ta' l-ajru proprji tiegħu, jew bl-inġenji ta' l-ajru ta' trasportatur ieħor skond ftehim kummerċjali, u li fih dak it-trasportatur iwettaq in-negozju tiegħu ta' trasport tal-passiġġieri bl-ajru minn fond mikri minn jew proprjetà tat-trasportatur stess jew minn trasportatur ieħor li miegħu għandu ftehim kummerċjali.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 2,

(*a*) "ftehim kummerċjali" jfisser fethim, minbarra ftehim ta' aġenzija, li jsir bejn trasportaturi u jirrelata għad-disposizzjoni tas-servizzi konġunti tagħhom għat-trasport ta' passiġġieri bl-ajru;

(*b*) "residenza prinċipali u permanenti" tfisser l-abitazzjoni fissa u permanenti tal-passiġġier fil-ħin ta' l-inċident. Iċ-ċittadinanza tal-passiġġier m'għandux ikun fattur determinanti f'dan ir-rigward.

4. Kwistjonijiet ta' proċedura għandhom jiġu rregolati mil-liġi tal-qorti li qed tissindaka l-każ.

*Artikolu 34*

**Arbitraġġ**

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet għall-kuntratt tat-trasport għall-merkanzija jistgħu jistipolaw li kull tilwima li tirrelata għar-responsabbiltà tat-trasportatur skond din il-Konvenzjoni tiġi riżolta bl-arbitraġġ. Dan il-ftehim għandu jkun bil-miktub.

2. Il-proċeduri ta' l-arbitraġġ għandhom, skond l-għażla ta' l-attur, isiru f'waħda mill-ġurisdizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 33.

3. L-arbitru jew it-tribunal ta' l-arbitraġġ għandu japplika d-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu parti minn kull klawsola jew ftehim ta' l-arbitraġġ, u kull kondizzjoni ta' din il-klawsola jew ftehim li hija inkonsistenti magħhom għandha tkun nulla u mingħajr effett.

*Artikolu 35*

**Limitazzjoni ta' l-azzjonijiet**

1. Id-dritt għad-danni għandu jintemm jekk azzjoni ma tinġiebx fi żmien sentejn, li jingħaddu mid-data tal-wasla fid-destinazzjoni, jew mid-data li fiha l-inġenju ta' l-ajru kellu jasal, jew mid-data li fiha waqaf it-trasport.

2. Il-metodu ta' kalkolazzjoni ta' dak il-perijodu għandu jiġi determinat mil-liġi tal-qorti li tkun qed tissindaka l-każ.

*Artikolu 36*

## It-trasport suċċessiv

1. Fil-każ ta' trasport li għandu jitwettaq minn trasportaturi diversi suċċessivi u li jaqa' taħt id-definizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 1, kull trasportatur li jaċċetta l-passiġġieri, il-bagalji jew il-merkanzija hija soġġetta għar-regoli stabbiliti f'din il-Konvenzjoni u titqies bħala waħda mill-partijiet tal-kuntratt tat-trasport sa fejn il-kuntratt ikopri dik il-parti tat-trasport li titwettaq taħt is-sorveljanza tagħha.

2. Fil-każ ta' trasport ta' dan it-tip, il-passiġġier jew kull persuna intitolata għall-kumpens fir-rigward tiegħu jew tagħha jista' jieħu azzjoni biss kontra t-trasportatur li wettaq it-trasport li tulu seħħew l-inċident jew id-dewmien, ħlief fil-każ meta, skond ftehim espress, l-ewwel trasportatur assuma r-responsabbiltà għall-vjaġġ sħiħ.

3. Fir-rigward ta' bagalji jew merkanzija, il-passiġġier jew il-kunsinnatur għandu d-dritt ta' l-azzjoni kontra l-ewwel trasportatur, u l-passiġġier jew kunsinnatarju intitolat għall-kunsinna għandu dritt ta' azzjoni kontra l-aħħar trasportatur, u barra minn hekk kull wieħed jista' jieħu azzjoni kontra t-trasportatur li wettaq it-trasport li fih seħħu d-distruzzjoni, telf, dannu jew dewmien. Dawn it-trasportaturi huma konġuntement u separatament responsabbli lejn il-passiġġier jew il-kunsinnatur jew il-kunsinnatarju.

*Artikolu 37*

## Dritt ta' azzjoni kontra partijiet terzi

Xejn f'din il-Konvenzjoni m'għandu jippreġudika l-kwistjoni ta' jekk persuna responsabbli għad-danni skond id-disposizzjonijiet tagħha għandhiex dritt ta' rikors kontra kull persuna oħra.

KAPITOLU IV

**Trasport ikkombinat**

*Artikolu 38*

## Trasport ikkombinat

1. Fil-każ ta' trasport ikkombinat imwettaq parzjalment bl-ajru u parzjalment b'kull mod ieħor ta' transport, id-disposizzjonijet ta' din il-Konvenzjoni għandhom, bla ħsara għall-paragrafu 4 ta' l-Artikolu 18, japplikaw biss għat-trasport bl-ajru, sakemm il-trasport bl-ajru jaqa' taħt il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 1.

2. Xejn f'din il-Konvenzjoni m'għandha tipprevjieni lill-Partijiet f'każ ta' transport ikkombinat milli jinserixxu fid-dokument ta' trasport bl-ajru il-kondizzjonijiet li jirreferu għal modi oħrajn ta' trasport, sakemm id-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jiġu osservati fir-rigward tat-trasport bl-ajru.

KAPITOLU V

**Trasport bl-ajru mwettaq minn persuna oħra minbarra t-trasportatur kontraenti**

*Artikolu 39*

## Trasportatur kontraenti trasportatur attwali

Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitoli japplikaw biss meta persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-trasportatur kontraenti") bħala prinċipal tagħmel kuntratt tat-trasport irregolat minn din il-Konvenzjoni ma' passiġġier jew kunsinnatur jew ma' persuna li taġixxi f'isem il-passiġġier jew kunsinnatur u persuna oħra (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-trasportatur attwali), twettaq, permezz ta' awtorità mit-trasportatur kontraenti, it-trasport komplet jew parzjali iżda mhuwiex dwar fir-rigward ta' din il-parti trasportatur suċċessiv fis-sens ta' din il-Konvenzjoni. Dun l-awtorità għandha tiġi preżunta fin-nuqqas ta' prova għall-kuntrarju."

*Artikolu 40*

## Responsabbiltà rispettiva ta' trasportaturi kontraenti u attwali

Jekk trasportatur attwali jwettaq trasport komplet jew parzjali, li, skond il-kunrtratt imsemmi fl-Artikolu 39, huwa rregolat minn din il-Konvenzjoni, kemm it-trasportatur kontraenti kif ukoll it-trasportatur attwali għandhom, ħlief kif ipprovdut xort'oħra f'dan il-Kapitolu, ikunu soġġetti għar-regoli ta' din il-Konvenzjoni, ta' l-ewwel għat-trasport komplet kontemplat fil-kuntratt, ta' l-aħħar biss għat-trasport li huwa jwettaq.

*Artikolu 41*

## Responsabbiltà reċiproka

1. L-atti u l-ommissjonijiet tat-trasportatur attwali u tas-servjenti u l-aġenti tiegħu waqt li jaġixxu fl-iskop ta' l-impieg tagħhom għandhom, fir-rigward tat-trasport imwettaq mit-trasportatur attwali, jitqiesu li huma wkoll dawk tat-trasportatur kontraenti.

2. L-atti u l-ommissjonijiet tat-trasportatur kontraenti u tas-servjenti u l-aġenti tiegħu waqt li jaġixxu fl-iskop ta' l-impieg tagħhom għandhom, fir-rigward tat-trasport imwettaq mit-trasportatur attwali, jitqiesu li huma wkoll dawk tat-trasportatur

attwali. Madanakollu, l-ebda att jew ommissjoni m'għandu jissoġġetta lit-trasportatur attwali għal responsabbiltà li teċċedi l-ammonti msemmija fl-Artikoli 21, 22, 23 u 24. Kull ftehim speċjali li taħtu t-trasportatur kontraenti jassumi obbligi mhux imposti minn din il-Konvenzjoni jew kull twarrib tad-drittjiet jew difiżi mogħtija minn din il-Konvenzjoni jew kull dikjarazzjoni speċjali ta' interess fil-kunsinna fid-destinazzjoni kkontemplata fl-Artikolu 22 m'għandhiex taffettwa t-trasportatur attwali sakemm huwa ma jkunx qabel ma' dan.

*Artikolu 42*

**Id-destinatarju ta' l-ilmenti u l-istruzzjonijiet**

Kull ilment li għandu jsir jew istruzzjoni li għandha tingħata taħt din il-Konvenzjoni lit-trasportatur għandu jkollu l-istess effett kemm jekk indirizzat lit-trasportatur kontraenti jew lit-trasportatur attwali. Madanakollu, l-istruzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12 għandhom ikunu effettivi biss jekk indirizzati lit-trasportatur kontraenti.

*Artikolu 43*

**Servjenti u aġenti**

Fir-rigward tat-trasport imwettaq mit-trasportatur attwali, kull servjent jew aġent ta' dak it-trasportatur jew tat-trasportatur kontraenti għandu, jekk jipprova li aġixxew fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-impieg tagħhom, ikunu intitolati li jivvantaw ruħhom mill-kondizzjonijiet u l-limiti tar-responsabbiltà li japplikaw taħt din il-Konvenzjoni għat-trasportatur li tiegħu huma s-servjenti jew l-aġenti, sakemm ma jiġix ippruvat illi aġixxew b'mod li jipprevjieni l-limiti tar-responsabbiltà milli jiġu invokati skond din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 44*

**Aggregazzjoni tad-danni**

Fir-rigward tat-trasport imwettaq mit-trasportatur attwali, l-aggregat ta' l-ammonti rekuperabbli minn dak it-trasportatur u t-trasportatur kontraenti, u mis-servjenti u l-aġenti tagħhom waqt li jaġixxu fl-iskop ta' l-impieg tagħhom, m'għandux jeċċedi l-ogħla ammont li jista' jingħata kontra jew it-trasportatur kontraenti jew it-trasportatur attwali skond din il-Konvenzjoni, iżda ħadd mill-persuni msemmija m'għandu jinżamm responsabbli għal somma oltre l-limitu applikabbli għal dik il-persuna.

*Artikolu 45*

**Id-destinatarju tal-pretensjonijiet**

Fir-rigward tat-trasport imwettaq mit-trasportatur attwali, azzjoni għad-danni tista' tinġieb, skond l-għażla ta' l-attur, kontra dak it-trasportatur jew it-trasportatur kontraenti, jew kontrihom it-tnejn flimkien jew separatament. Jekk l-azzjoni tinġieb kontra wieħed mit-trasportaturi biss, dak it-trasportatur għandu d-dritt li jeħtieġ lit-trasportatur l-ieħor li jingħaqad filproċedimenti, il-proċedura u l-effetti rregolati mil-liġi tal-qorti li tkun qed tissindaka l-każ.

*Artikolu 46*

**Ġurisdizzjoni Addizzjonali**

Kull azzjoni għal danni kkontemplata fl-Artikolu 45 għandha tinġieb, skond l-għażla ta' l-attur, fit-territorji ta' wieħed mill-Istati Partijiet, jew quddiem qorti li fiha tista' tinġieb azzjoni kontra t-trasportatur kontraenti, kif previst fl-Artikolu 33, jew quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-post fejn it-trasportatur attwali għandu d-domiċilju jew il-post prinċipali tan-negozju tiegħu.

*Artikolu 47*

**Invalidità tad-disposizzjonijiet kontrattwali**

Kull disposizzjoni kontrattwali li tista' teħles lit-trasportatur kontraenti jew lit-trasportatur attwali mir-responsabbiltà skond dan il-Kapitolu jew tiffissa limitu aktar baxx minn dak li huwa applikabbli skond dan il-Kapitolu għandha tkun nulla u effett, iżda n-nullità ta' kull disposizzjoni ta' din ix-xorta ma tinvolvix in-nullità tal-kuntratt kollu, li għandu jibqa' soġġett għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

*Artikolu 48*

**Relazzjonijiet reċiproċi tat-trasportaturi kontraenti u attwali**

Ħlief kif previst fl-Artikolu 45, xejn f'dan il-Kapitolu m'għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tat-trasportaturi bejniethom, inkluż kull dritt ta' rikors jew indennizz.

KAPITOLU VI

**Disposizzjonijiet oħrajn**

*Artikolu 49*

**Applikazzjoni obbligatorja**

Kull klawsola li tinsab fil-kuntratt tat-trasport u kull ftehim speċjali li ġie konkluż qabel ma seħħ id-dannu li bih il-Partijiet jippremettu li jivvjolaw ir-regoli stabbiliti b' din il-Konvenzjoni, kemm billi jiddeċiedu l-liġi li għandha tiġi applikata, jew inkella billi jinbidlu r-regoli għall-ġuriżdizzjoni, għandhom ikunu nulli u mingħajr effett.

*Artikolu 50*

**Assigurazzjoni**

L-Istati Partijiet għandhom jeħtieġu lit-trasportaturi tagħhom imantnu assigurazzjoni adegwata li tkopri r-responsabbiltà tagħhom skond din il-Konvenzjoni. Trasportatur jista' jiġi meħtieġ mill-Istat Parti li jopera għal ġo fih biex jagħti prova li tmanti assigurazzjoni adegwata li tkopri r-responsabbiltà tagħha skond din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 51*

**Trasport imwettaq f'Ċirkostanzi Straordinarji**

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 3 sa 5, 7 u 8 dwar id-dokumentazzjoni tat-trasport m' għandhomx japplikaw fil-każ ta' trasport imwettaq f'ċirkostanzi straordinarji barra mill-iskop normali tan-negozju tat-trasportatur.

*Artikolu 52*

**Definizzjoni tal-jiem**

L-espressjoni "jiem" meta użata f'din il-Konvenzjoni tfisser jiem tal-kalendarji u mhux jiem utli.

KAPITOLU VII

**Klawżoli finali**

*Artikolu 53*

**Firma, ratifika u dħul fis-seħħ**

1. Din il-Konvenzjoni tinfetaħ għall-firem f'Montreal fit- 28 ta' Mejju 1999 minn Stati li jipparteċipaw fil-Konferenza Internazzjonali dwar il-Liġi ta' l-Ajru, f'Montreal mill-10 sat-28 ta' Mejju 1999. Wara t-28 ta' Mejju 1999, il-Konvenzjoni għandha tinfetaħ għall-Istati kollha għall-firem fil-Kwartieri Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali f'Montreal sakemm tidħol fis-seħħ skond il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

2. Din il-Konvenzjoni tkun miftuħa b'mod simili għall-firem minn Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika. Għall-iskop ta' din il-Konvenzjoni, "Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika" tfisser kull organizzazzjoni kkostitwita minn Stati sovrani ta' reġjun iddeterminat li għandha l-kompetenza fir-rigward ta' xi affarijiet irregolati minn din il-Konvenzjoni u li ġiet awtorizzata kif dovut li tiffirma u tirratifika, taċċetta, tapprova jew taċċedi għal din il-Konvenzjoni. Referenza għal "Stat Parti" jew "Stati Partijiet" f'din il-Konvenzjoni, ta' xort' oħra mill-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1, paragrafu 1(b) ta' l-Artikolu 3, paragrafu (b) ta' l-Artikolu 5, l-Artikoli 23, 33, 46 u l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 57, tapplika ugwalment għal Organizzazzjoni Reġjunali għall-Integrazzjoni Ekonomika. Għall-iskop ta' l-Artikolu 24, ir-riferenzi għal "maġġoranza ta' l-Istati Partijiet' u 'terz ta' l-Istati Partijiet' m'għandhiex tapplika għal Organizzazzjoni Reġjunali għall-Integrazzjoni Ekonomika.'"

3. Din il-Konvenzjoni għandha tkun soġġetta għal ratifika minn Stati u minn Organizzazzjonijiet Reġjunali għall-Integrazzjoni Ekonomika li jkunu ffirmawha.

4. Kull Stat jew Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li ma jiffirmax/tiffirmax din il-Konvenzjoni j/tista' j/taċċetta, j/tapprova jew j/taċċedi fi kwalunkwe ħin.

5. Strumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni għandhom jiġu ddepożitati ma' l-Organizzazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li huwa b'dan indikat bħala d-Depożitarju.

6. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-sittin jum wara d-data tad-depożitu tat-tletin strument ta' ratifika, adeżjoni, approvazzjoni jew adeżjoni mad-Depożitarju bejn l-Istati li ddepożitaw dan l-istrument. Strument iddepożitat minn Organizzazzjoni Reġjunali għall-Integrazzjoni Ekonomika m'għandux jingħadd għall-iskop ta' dan il-paragrafu.

7. Għal Stati oħrajn u għal Organizzazzjonijiet Reġjunali għall-Integrazzjoni Ekonomika, din il-Konvenzjoni tieħu effett 60 jum wara d-data tad-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni.

8. Id-Depożitarju għandu minnufih javża lill-firmatarji u lill-Istati Partijiet dwar:

(a) kull firma għal din il-Konvenzjoni u d-data tagħha;

(b) kull depożitu ta' strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni u d-data tiegħu;

(c) id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni;

(d) id-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull reviżjoni tal-limiti ta' responsabbiltà stabbiliti taħt din il-Konvenzjoni;

(e) kull denunzja skond l-Artikolu 54.

*Artikolu 54*

**Denunzja**

1. Kull Stat Parti jista' jiddenunzja lil din il-Konvenzjoni b'notifika bil-miktub lid-Depożitarju.

2. Id-denunzja għandha tidħol fis-seħħ 180 jum wara d-data li fiha n-notifika hi riċevuta mid-Depożitarju.

*Artykuł 55*

**Relazzjoni ma' Strumenti oħrajn tal-Konvenzjoni ta' Varsavja**

Din il-Konvenzjoni tipprevali fuq regoli oħrajn li applikaw għat-trasport internazzjonali bl-ajru:

1. bejn Stati Partijiet ta' din il-Konvenzjoni minħabba li dawk l-Istati huma komunement Partijiet għall-

   (a) Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' ċerti Regoli dwar it-Trasport Internazzjonali bl-Ajru ffirmata f'Varsavja fit-12 ta' Ottubru 1929 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni ta' Varsava");

   (b) il-Protokoll għall-emenda tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' ċerti Regoli dwar it-trasport Internazzjonali bl-Ajru ffirmata f'Varsavja fit-12 ta' Ottubru 1929, magħmul fl-Aja fit-28 ta' Settembru 1955 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-Protokoll ta' l-Aja);

   (c) il-Konvenzjoni, Supplementari għall-Konvenzjoni ta' Varsavja, għall-Unifikazzjoni ta' ċerti Regoli dwar it-trasport Internazzjonali bl-Ajru Imwettqa minn Persuna Minbarra t-Trasportatur Kontraenti, iffirmata f'Guadalajara fit-18 ta' Settembru 1961 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-Konvenzjoni ta' Guadalajara);

(d) il-Protokoll biex Jemenda l-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' ċerti Regoli dwar it-Trasport Internazzjonali bl-Ajru ffirmata f'Varsavja fit-12 ta' Ottubru 1929, kif Emendata mill-Protokoll magħmul fl-Aja fit-28 ta' Settembru 1955 iffirmat *f'Guatemala City* fit-8 ta' Marzu 1971 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-Protokoll ta' *Guatemala City*);

(e) Protokolli Addizzjonali Nri 1 sa 3 u l-Protokoll ta' Montreal Nru 4 biex jemenda l-Konvenzjoni ta' Varsavja kif emendata mill-Protokoll ta' The Hague jew il-Konvenzjoni ta' Varsava kif emendata kemm mill-Protokoll ta' l-Aja u l-Protokoll ta' *Guatemala City* ffirmati f'Montreal fil-25 ta' Settembru 1975 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-Protokolli ta' Montreal); jew

2. fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Parti għal din il-Konvenzjoni minħabba li dak l-Istat huwa Parti għal strument wieħed jew aktar mill-istrumenti msemmija fis-subparagrafi (a) sa (e) fuq.

*Artikolu 56*

**Stati b'aktar minn sistema waħda legali**

1. Jekk Stat għandu żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom jgħoddu sistemi legali differenti dwar kwistjonijiet trattati f'din il-Konvenzjoni, jista' fiż-żmien tal-firma, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni jiddikjara li din il-Konvenzjoni għandha testendi għall-unitajiet territorjali kollha tiegħu jew biss għal wieħed jaw aktar minnhom, u jista' jimmodifika din id-dikjarazzjoni billi jissottometti dikjarazzjoni oħra fi kwalunkwe ħin.

2. Kull dikjarazzjoni għandha tiġi nnotifikata lid-Depożitarju u għandha tiddikjara espressament l-unitajiet territorjali li għalihom tapplika din il-Konvenzjoni.

3. Rigward Stat Parti li għamel din id-dikjarazzjoni:

(a) ir-riferenzi fl-Artikolu 23 għall-"munita nazzjonali" għandha tinftiehem li tirreferi għall-valuta ta' l-unità territorjali rilevanti ta' dak l-Istat; u

(b) ir-riferenza fl-Artikolu 28 għall-"liġi nazzjonali" għandha tinftiehem li tirreferi għall-liġi ta' l-unità territorjali rilevanti ta' dak l-Istat.

*Artikolu 57*

**Riservi**

Ma tista' ssir ebda riserva għal din il-Konvenzjoni ħlief li Stat Parti jista' f'kull ħin jiddikjara b'notifika indirizzata lid-Depożitarju li din il-Konvenzjoni m'għandhiex tapplika għal:

(a) trasport internazzjonali bl-ajru mwettaq u mmexxi direttament minn dak l-Istat Parti għal skopijiet mhux kummerċjali fir-rigward tal-funzjonijiet u d-dmirijiet tiegħu bħala Stat sovran; u/jew

(b) it-trasport ta' persuni, merkanzija u bagalji għall-awtoritajiet militari tiegħu fuq inġenji ta' l-ajru rreġistrati fi jew mikrija minn dak l-Istat Parti, li l-kapaċità sħiħa tiegħu ġiet irriservata minn jew f'isem dawk l-awtoritajiet.

B' XHIEDA TA' DAN il-Plenipotenzjarji hawn taħt iffirmati, wara li ġew awtorizzati kif dovut, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

MAGĦMUL f'Montreal fit-28 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin fil-lingwa Ingliża, Għarbija, Ċiniża, Franċiża, Russa, u Spanjola, u kull test huwa ugwalment awtentiku. Din il-Konvenzjoni għandha tibqa' ddepożitata fl-arkivji ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili, u l-kopji ċċertifikati tagħha jiġu trasmessi mid-Depożitarju lill-Istati Partijiet kollha ta' din il-Konvenzjoni, kif ukoll lill-Istati Partijiet kollha tal-Konvenzjoni ta' Varsajva, il-Protokoll ta' l-Aja, il-Konvenzjoni ta' Guadalajara, il-Protokoll ta' Guatemala City u l-Protokolli ta' Montreal